MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1744/1996/1

**C & B International Limited**

**vs**

**John Parnis England u Universal Plastics Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI**

1. B'citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Mejju, 1996 is-socjeta` llum appellanti talbet li il-konvenuti jigu

kkundannati solidalment bejniethom is-somma ta' Lm20,977.60 oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1995 sal-hlas tas-saldu tas-somma intiera u dan skond diversi invoices, u dan wara li ppremetta hekk:
Illi bl-iskrittura tas-27 ta' April, 1992, immarkata bhala Dok. A fil-process, il-konvenut John Parnis England iggarantixxa solidalment mal-kumpanija appellata l-hlas tad-debitu.

Illi l-konvenuti appellati ghalkemm interpellati biex ihallsu baqghu inadempjenti u ma hallsux d-debitu dovut lis-socjeta` appellanti.

Ghalhekk intalbet il-kundanna ghall-hlas tas-somma fuq imsemmija bl-ispejjez.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT JOHN PARNIS ENGLAND**

2. Il-konvenut John Parnis England eccepixxa illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda stante li l-kreditu li kien qed jiggarantixxi solidalment mas-socjeta` Universal Plastics Ltd. gie mhallas in toto.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

3. Is-socjeta` Universal Plastics Ltd. preliminarjament eccepiet illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2148B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'nota fl-atti ta' din il-kawza a fol. 92 tal-process, Universal Plastics Ltd. ammettiet t-talba attrici.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. B'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru, 1999, fil-kawza fl-ismijiet premessi, l-Qorti cahdet it-talbiet attrici in konfront ta' John Parnis England u cioe` tal-garanti solidali u dan stante illi skond l-iskrittura tas-27 ta' April, 1992, klawzoli 8 u 9 ta' l-istess skrittura, l-Qorti hasset illi l-garanzija ma kellhiex tigi estiza biex tkopri wkoll krediti ezistenti qabel id-data li fiha giet konfezzjonata l-istess skrittura.

L-istess Qorti rrimarkat illi l-iskrittura saret biex tinghata bazi soda ghan-negozju bejn il-partijiet mid-data ta' l-iskrittura 'l quddiem b'mod li l-merkanzija ma tinghatax aktar 'on credit' izda li l-prezz taghha jsir dovut 'within the same month of withdrawal' u b'mod ukoll li jiskaturixxi favur is-socjeta` appellanti dak li hemm kontemplat fil-klawzola 9 tal-ftehim u cioe` il-pagament ta' l-imghaxijiet kummercjali.

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkonkludiet illi l-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili huwa car fis-sens li meta ma tkun saret l-ebda imputazzjoni fil-waqt tal-hlas, dan il-hlas ghandu jitqies li sar ghal dejn imsahhah b'garanzija qabel dejn iehor mhux hekk imsahhah.

Illi l-Qorti irriferiet ghall-prospett esebit minn John Parnis England a fol. 183 tal-process biex juri l-pagamenti u l-konsenji li saru wara din id-data u biex b'hekk issostni l-prova tieghu, u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta` konvenuta hlief ghal dawk tal-konvenuti John Parnis England li jridu jigu sopportati mis-socjeta` attrici appellanti.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI PROPRIO ET NOMINE</u>**

5. Is-socjeta` attrici appellanti hasset ruhha aggravata mit-tali sentenza u interponiet appell ghal quddiem din il-Qorti ta' l-Appell fuq l-aggravji segwenti:-
Illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratax it-tezi ta' l-appellanti u cioe` dak li jirrizulta mill-provi kif migbura konsistenti fil-fatt illi hawnhekk si tratta ta' dejn wiehed ossija kont kurrenti dovut minn Universal Plastics Ltd, u mhux diversi djun. Illi r-regoli li japplikaw huma differenti minhabba din l-istanza differenti u dan kif jistipola l-Artikoli tal-Kodici Civili fuq l-imputazzjoni tal-hlas.

Illi l-ewwel punt li ghandu jigi determinat huwa jekk effettivament dan id-dejn huwa dejn wiehed jew aktar.

Illi fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 1998,u fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 1998, fl-atti ta' din il-kawza Michael Rossi u cioe` il-persuna li jiehu hsieb principalment l-aspetti

kummercjali ta’ John Parnis England fosthom l-importazzjoni ta’ merkanzija kif ukoll li kien direttur fis-socjeta` Universal Plastics Ltd. jirraprezenta l-ishma ta’ John Parnis England u kien jattendi l-Board Meetings qal testwalment illi

“fil-kotba tas-socjeta` konvenuta dan il-kreditu gie kkonsidrat bhala kreditu wiehed u ma kien hemm l-ebda separazzjoni fir-rigward tieghu”

u fis-seduta sussegwenti u cioe` tal-15 ta’ Mejju, 1998, huwa rega sostna

“illi dan in-negozju ahna konna nghodduh bhala parti minn account wiehed.”

Illi galadarba issa gie determinat illi d-dejn li kellhom il-partijiet bejniethom kien wiehed u dan anke minhabba l-fatt li C&B Int. Ltd. kienet f’xi zmien debitrici tas-socjeta` Universal Plastics Ltd. tant li d-dejn taghha gie pacut u dan ghax kif sostna l-istess Michael Rossi, kienu jikkonsidrawh bhala parti minn account wiehed.

Ghaldaqstant, l-artikoli relevanti ghall-ezami ta’ din il-Qorti bir-rispett kollu huma l-Artikoli 1168 sa 1172 tal-Kodici Civili.

Illi fl-umili sottomissjoni ta’ l-esponenti, gie ipprovat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti illi d-dejn ezistenti bejn il-kontendenti kien dejn wiehed u ghalhekk kif jistipola l-Artikolu 1168(1) tal-Kodici Civili illi d-debitur li jkollu izjed minn dejn wiehed jista jiddikjara l-hlas ghal liema huwa d-dejn li jrid ihallas.

A contrario sensu meta d-dejn huwa wiehed dak li jinqata’ l-ewwel huwa akkont tas-somma globali dovuta.

In oltre, l-Artikolu 1168(3) tal-Kodici Civili jistipola illi d-debitur ma jistax jimputa l-hlas ghall-imghaxijiet tas-snin ta’ wara minflok ghall-imghaxijiet tas-snin ta’ qabel.

In oltre, l-Artikolu 1169(1) jistipola illi d-debitur ta’ somma ta’ flus li taghti imghaxijiet ma jistax minghajr il-kunsens tal-kreditur jimputa l-hlas tal-kapital minflok li ghall-imghaxijiet.

Illi hawnhekk wiehed irid jezamina wkoll jekk din is-somma kienitx takkrexxi mghaxijiet jew le.

Illi irrizulta bejn il-partijiet illi dan id-dejn kien jinkorri mghaxijiet tant illi Michael Rossi stess in contro ezami fis-seduta ta’ l-14 ta’ Jannar, 1998, jikkonferma li d-Dok. AC14 a fol. 141 tal-process ikkalkolha l-imghaxijiet. Ikkonferma wkoll fl-istess seduta “illi skond l-invoices ricevuti l-interessi sal-11 ta’ Ottubru, 1995 qatt ma kienu nqatghu fl-ewwel lok. S’intendi dawn l-interessi ghadhom dovuti sal-gurnata tal-lum”.

Illi ghalhekk wiehed ma jistax jifhem kif l-ewwel Qorti ma imputatx dawn l-imghaxijiet bhala l-krediti li kellhom jinqatghu l-ewwel u dan kif jistopola l-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili li jistipola illi <u>bla hsara tad-disposizzjonijiet</u> ta’ l-artiklu ta’ qabel dan meta ebda imputazzjoni ma tkun saret filwaqt tal-hlas ghandhom jitharsu r-regoli sussegwenti.

Illi bla dubju ta’ xejn, il-ligi trid li l-ewwel li jinqatghu minn kull somma dovuta huma l-interessi imbaghad wara se mai jsiru l-imputazzjonijiet li wiehed jippretendi li ghandhom isiru.

Illi fil-kaz in ezami, galadarba dan huwa dejn wiehed u l-partijiet qed jaqblu illi l-interessi huma dovuti kif jirrizulta mid-Dokument AC14 ikkonfermat mis-socjeta` konvenuta ammontanti ghal Lm9,815.35 l-imghaxijiet fuq dawn l-ammonti kellhom jinqatghu l-ewwel qabel kull imputazzjoni.

Illi kieku wiehed kellu jikkalkola l-imghaxijiet sal-lum fuq din is-somma fuq imsemmija ghalhekk jibqa’ pendenti skond il-kalkoli maghmula mis-socjeta` konvenuta kapital ta’ Lm9,815.35 li bl-imghaxijiet fuqhom sal-lum jammontaw ghal cirka Lm13,740.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi bla dubju ta’ xejn John Parnis England ghad irid ihallas somma kapitali ta’ Lm9,815 oltre l-imghaxijiet mill-1 ta’ Jannar, 1995, u dan peress li huwa ma setax jimputa hlasijiet ta’ pagamenti sussegwenti qabel ma jinqatghu l-imghaxijiet kollha fuq is-somma dovuta galadarba dan kien account current bejn il-partijiet kif konfermat mill-konvenuti stess.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi, l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta illi tichad it-talba ta’ l-appellanti almenu sas-somma ta’ Lm9,815 oltre l-imghaxijiet mill-1 ta’ Jannar, 1995, peress illi l-interessi qatt ma gew addebitati mill-konvenuti appellati u ghalhekk jirrizulta illi John Parnis England ghad irid ihallas ghal dak id-dejn wara s-27 ta’ April, 1992, peress li l-pagamenti li saru skond Dokument AC15 sa AC19 esebiti fil-process a fol. 141 sa 145 ma kienux addebitati kif irrizulta wkoll mix-xhieda ta’ l-istess Michael Rossi u ghalhekk per forza kellhom immorru biex jinqatghu l-imghaxijiet antecedenti ta’ dejn wiehed.

Ghaldaqstant, is-socjeta` attrici appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi waqt li tikkonfermaha in toto in konfront tas-socjeta` Universal Plastics Ltd. li ammettiet t-talba kif dedotta tikkundanna lil John Parnis England solidalment ma’ l-istess socjeta` Universal Plastics Ltd. ihallas lill-appellanti s-somma ta’ Lm9,815 oltre l-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Jannar, 1995, sal-hlas ghas-saldu tas-somma fuq imsemmija l-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

## IR-RISPOSTA TA’ JOHN PARNIS ENGLAND

6. L-appellat konvenut proprio wiegeb hekk:

Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett li d-decizjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta’ Novembru, 1999, hija gusta kemm fattwalment u kemm guridikalment.

Illi skans ta’ ripetizzjoni, l-appellat se jaghmel referenza estensiva ghan-nota ta’ l-osservazzjonijiet li giet sottomessa quddiem il-Qorti ta’ Prim Istanza.

Illi din il-kawza giet ikkontestata mill-konvenut John Parnis England a bazi tal-fatt li l-kreditu li kellha l-kumpanija konvenuta fil-konfront tal-kumpanija Universal Plastics Limited, ghal-liema hlas huwa iggarantixxa solidarjament ma' l-istess kumpanija gie mhallas in toto.

Illi jidher li l-appell huwa ibbazat principalment fuq zewg aspetti principali u senjatament:-

A. Il-kreditu pretiz huwiex kreditu ta' obbligazzjoni kummercjali wahda jew ta' diversi fatturi; u

B. Il-pagamenti li saru versu dan il-kreditu kellhomx jigu allokati versu d-debitu ggarantit solidarjament mill-konvenut John Parnis England.

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha waslet ghall-uniku konkluzjoni logika meta gharblet il-provi u tat importanza ghal dak li wassal il-partijiet sabiex jiffirmaw l-iskrittura tas-27 ta' April, 1992.

Sewwa sostniet il-Qorti li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-kumpanija appellanta ma rieditx tikkonsenja aktar merkanzija lill-Universal Plastics Limited fuq "credit terms" sakemm ma jkunx hemm garanzija ghall-hlas mill-konvenut John Parnis England.

A. Id-dejn huwa wiehed jew diversi?

(I) Illi bir-rispett l-appellant isostni li l-konkluzjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili huma guridikalment korretti u ma jistax jaqbel mat-tezi ta' l-appellanta li d-dejn pretiz huwa wiehed jew li jikkostitwixxi obbligazzjoni kuntrattwali wahda u dana kif irrizulta manifestament kemm mix-xhieda u kemm mill-istess skrittura tas-27 ta' April, 1992. L-istess skrittura tghid espressament li ghandha tapplika ghall-negozju li jsir wara dik id-data (is-27 ta' April, 1992) u tiddeskrivi fid-dettal kif kellu jsir in-negozju. Gie miftiehem li l-appellanta kellha timporta l-merkanzija u tikkonsenja lill-Universal Plastics, pero`, din ta' l-ahhar

issir proprjetarja appena l-merkanzija tigi uzata, bil-hlas isir fix-xahar li tintuza l-materja prima. Gie anke miftiehem x'ghandu jsir mill-istock li ma jigix uzat. Huwa ghalhekk bir-rispett inkoncepibbli kif l-appellanta qeghda ssostni li fin-negozju li sar bejn il-partijiet qabel ma giet iffirmata l-iskrittura ta' April, ta' l-1992, huwa l-istess. Qabel din id-data kien isir bejgh "on credit terms" ta' merkanzija importata lill-Universal Plastics Limited mentri wara din id-data kien isir negozju ta' konsenja "on consignement" bl-obbligu tal-hlas malli tintuza l-merkanzija. Huwa wkoll car u manifest li din kienet l-intenzjoni tal-partijiet.

(II) Mix-xhieda ta' Anthony Camilleri, direttur ta' l-appellanta, li giet moghtija permezz ta' affidavit, jidher ukoll li dan ta' l-ahhar irrikonoxxa li d-debitu ma kienx wiehed imma kienu diversi debiti ghall-diversi konsenji. Huwa stess jibda ix-xhieda tieghu billi jghid "Il-pagamenti kienu jsiru kontra l-eqdem fattura bhalma tista' tara mill-istatement (Dok AC1)." U "Waqt li dan il-ftehim assigura l-pagamenti tal-fatturi u ta' l-interessi fuq ix-xiri, futuri….". Huwa ghalhekk ovvju li hawn si tratta ta' diversi kuntratti ta' bejgh u xiri u mhux ta' debitu wiehed. Kieku ma kienx hekk kien ikun hemm kont kurrenti u mhux diversi fatturi u diversi xirjiet.

(III) Illi jigi sottomess pero` li ghalkemm l-appellanta enfasizzat hafna fuq il-fatt tan-natura ta' dejn wiehed, dan lanqas huwa importanti fil-kaz odjern kif jigi sottomess aktar 'l isfel.

B. Il-hlasijiet li saru wara is-27 ta' April, 1992, kellhom jigu allokati ghall-konsenji ta' materja prima wara dik id-data?

(I) Wiehed mill-principji ewlenin tas-solidarjeta` huwa li dan il-kamp guridiku ghandu jigi interpretat ristrettivament. Fil-kawza "Bernardo Abela noe vs Giuseppe Bonello et." deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru, 1875 (Vol VII-477) per Sir A. Micallef intqal; "in difetto di una dichiarazione in contrario, essendo la fidejussione interpretabile strettamente, non e' verosimile affatto che il fidejussore abbia voluto obbligarsi pel pagamento di quella somma, che in un tempo qualunque sarebbe a

rimanere dovuta, anche dopo fatti dei pagamenti a conto in una somma di gran lunga eccedente la somma garantita, e forse anche dopo bilanciato il primo conto corrente del debitore." Huwa fatt indiskuss li l-esponenti ggarantixxa l-pagamenti ghall-konsenji wara s-27 ta' April, 1992, ma tistax l-appellanti tissoponi li l-garanzija kellha testendi ghall-krediti antecedenti meta dan la kien miftiehem u lanqas huwa rifless fil-ftehim imsemmi.

(II) Illi Anthony Camilleri ammetta li "tard fid-93 bdejna nindunaw li Universal Plastics Limited bdew ihallsu kontijiet l-aktar recenti cioe` dawk li nhargu wara s-27 ta' April, 1992." Ghalkemm l-appellanta ma accettatx din l-allokazzjoni ta' hlas hija ghamlet hekk zbaljatament. Di fatti l-Artikolu 1168(1) tal-Kap. 16 itenni hekk:

"Id-debitur li jkollu izjed minn dejn wiehed, ghandu l-jedd jiddikjara, filwaqt tal-hlas, liema huwa d-dejn li jrid ihallas."

Huwa ghalhekk skorrett li l-kumpanija appellanta allokat pagamenti ghal debiti ohra minn dawk indikati waqt iz-zmien tal-hlas semmai l-kumpanija appellanta setghet ma accettatx il-pagamenti u mhux tallokhom kuntrarjament ghal dak li gie espressament iddikjarat.

(III) Illi l-kumpanija appellanta allegat li ghalkemm huwa vera li saru pagamenti li kienu allacjati ma' fatturi wara s-27 ta' April, 1992, sostniet li kien hemm pagamenti li ma kienux hekk ikkwalifikati. Din is-sitwazzjoni hija wkoll koperta bl-Artikolu 1171 tal-Kap. 16.

"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-hlas, ghadhom jitharsu r-regoli li gejjin:

(d) il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn imsahhah b'garanzija qabel dejn iehor mhux hekk imsahhah, u fuq dejn bi privilegg jekk ipoteka qabel dejn li ma jkunx bi privilegg jew ipoteka."

Dan il-principju gie applikat fil-kawza fuq imsemmija “Abela noe vs Bonello et.”. Fil-kawza “Francesco e Vincenzo Mifsud vs Dott. Giovanni Chappelle” tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, tat-22 ta’ Awissu, 1877 (Vol VIII-305) gie kkonfermat li fil-garanzija solidali …” Non puo’ significare che vi vadano incluse tutt’alter obligazioni, che non avessero diretta connessione col contratto, e che risultassero da fonte estranea allo stess, fosse pure dalla legga.

(IV) Il-principju legali kontenut fl-Artikolu 1929 tal-Kap. 16 li garanzija ma tistax tinhareg barra mill-limiti li fihom giet ikkuntrattata gie kkonfermat diversi drabi mill-Qrati taghna, ara Alfredo G. Tagliaferro noe vs Charles Ladour et, 10 ta’ Ottubru 1891, Prim Awla (Vol XIII-14) u Giuseppe Lavetti vs Giovanni Valletta, Qorti tal-Kummerc, 17 ta’ Jannar, 1893 (Vol XIII-401) u Emmanuel Sacco vs Eduoardo Morale et, 7 ta’ Frar, 1893, Qorti tal-Kummerc (Vol XIII-418)

(V) Illi l-appellat bir-rispett jissottmetti mela, li l-ezercizzju li ghamlet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili li wiehed jezamina l-valur tal-merkanzija li saret wara s-27 ta’ April, 1992, u jqabbilha mal-pagamenti li saru wara dik id-data huwa korrett. Jirrizulta ampjament kemm mix-xhieda ta’ Michael Rossi u anke minn dik ta’ Anthony Camilleri li l-fatturi kollha li kienu jikkoncernaw merkanzija li giet mibjugha wara s-27 ta’ April, 1992, gew imhallsa kollha. Ma’ dina r-risposta kif sewwa ghamlet il-Qorti ta’ Prim Istanza, qeghdha ssir referenza ghall-prospett imhejji minn Michael Rossi fejn hemm spjegat ezatt il-pagamenti u konsenji wara din id-data.

Ghaldaqstant l-appellat jissottometti li s-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta’ Novembru, 1999, hija gusta u timmerita konferma waqt li l-appell ta’ l-appellanta ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontriha.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>

7. Mill-fatti emergenti mill-provi jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet tbiegh merkanzija lis-socjeta` konvenuta u dan fuq

perijodu ta' snin. Jidher li s-socjeta` konvenuta waqghet lura fil-pagamenti li kienet tivversa perjodikament lis-socjeta` attrici. Din il-morozita` wasslet ghalbiex jinholoq impasse bejn iz-zewg socjetajiet u r-rapport ta' negozju li kien hemm bejniethom deher li ser jintemm. Gara izda li in forza ta' skrittura datata s-27 ta' April, 1992 (ara kopja fotostatika a fol. 19 – 20 tal-process) il-konvenut appellat John Parnis England proprio dahal garanti solidali mas-socjeta` konvenuta ghal hlas ta' merkanzija u materjal li kellhom jigu importati mis-socjeta` attrici fuq ordni tas-socjeta` konvenuta. Meta dan il-ftehim beda jopera u b'hekk tkompla n-negozju bejn iz-zewg socjetajiet u saru anke pagamenti akkont, is-socjeta` attrici addebitat dawn il-pagamenti ghal dawk id-debiti li kienu ghadhom ma thallsux mis-socjeta` konvenuta pero` li kienu wkoll antecedenti ghall-iskrittura surreferita fejn John Parnis England proprio dahal garanti solidali mas-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici interpellat liz-zewg konvenuti biex ihallsuha bilanc dovut lilha fis-somma ta' Lm20,977.60c oltre interessi mill-1 ta' Jannar, 1995. Il-konvenut John Parnis England proprio eccepixxa illi l-kreditu garantit solidalment minnu effettivament kien gie saldat interament. Min-naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta fil-bidu eccepiet il-preskrizzjoni izda ulterjorment ammettiet id-debitu reklamat mill-kontro-parti.

8. Kif fuq inghad, l-Ewwel Qorti cahdet it-talba attrici in kwantu dedotta kontra l-konvenut appellat John Parnis England proprio billi irriteniet li
(I) il-garanzija solidali moghtija mill-konvenut proprio ghad-djun ta' Universal Plastics Limited ma kenitx tkopri d-djun li saru qabel id-data ta' l-iskrittura; u

(II) mill-provi ma jirrizultax li kien ghad baqa' xi bilanc dovut lis-socjeta` attrici li taghhom kien ukoll solidament responsabbli l-konvenut proprio.

9. L-aggravju tas-socjeta` attrici huwa wiehed dupplici, igifieri,
(I) dak li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx sew it-tezi taghha li d-dejn tas-socjeta konvenuta kien dejn wiehed, ossija kont

kurrenti u mhux maghmul minn diversi debiti separati minn xulxin;

(II) li kien ghad fadal ammont ta' flus xi jhallas l-appellat proprio in linea ta' interessi fuq il-kapital dovut li l-ewwel Qorti skartat u injorat fis-sentenza taghha.

10. Dwar l-ewwel aggravju, is-socjeta` appellanti taghmel referenza, fost ohrajn, ghad-deposizzjonijiet moghtijin minn Michael Rossi, persuna li mhux biss kienet tiehu hsieb l-interessi kummercjali ta' l-appellat John Parnis England proprio imma kienet anke direttur tas-socjeta` konvenuta ghal certu zmien u kienet tirrapprezenta l-ishma ta' John Parnis England. Dan ix-xhud qal li d-dejn tas-socjeta` kien jigi ikkunsidrat dejn wiehed fil-kotba tas-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici invokat l-applikabilita` ta' l-Artikoli 1168 sa 1172(3) tal-Kap. 16 li jghidu li debitur ma jistax jimputa l-hlas ghall-imghaxijiet tas-snin ta' wara minflok ghall-imghaxijiet tas-snin ta' qabel. Tghid ukoll (hekk ara art. 1169(I)) li d-debitur ta' somma flus li taghti imghaxijiet ma jistax, minghajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-hlas tal-kapital minflok ghall-imghaxijiet.

11. Din il-Qorti wara li qieset dik il-parti ta' l-aggravju tas-socjeta` appellanti fid-dawl tas-sottomissjonijiet reciproci tal-partijiet u ta' dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad, ma jidhrilhiex li dan l-aggravju huwa wiehed fondat. Huwa kollu legalment validu dak li gie sottomess mis-socjeta` appellanti relattivament <u>ghar-rapport guridiku ezistenti bejn iz-zewg socjetajiet</u>, dik attrici u dik konvenuta, igifieri, izda xorta wahda b'daqshekk ma jfissirx li dan kien necessarjament applikabbli wkoll ghall-oneri li gew assunti mill-garanti John Parnis England proprio. In kwantu dawn l-oneri kienu jemanu minn ftehim redatt in iskritt, l-imsemmija obbligi huma proprju dawk li johorgu minn din l-iskrittura privata u mhux mod iehor. Issa taht dan l-aspett, din il-Qorti hija tal-fehma li l-analizi approfondita li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-portata legali ta' din l-iskrittura hija wahda ghal kollox korretta u hi tikkondividiha pjenament.

12 L-ewwel Qorti rriferiet gustament ghal dak li hemm fl-Artikolu 1929 tal-Kap. 16, igifieri li
“il-garanzija ma tistax tigi prezunta, izda ghandha tkun espressa, u ma tistax tinhareg barra mil-limiti li fihom tkun giet ikkuntrattata.”

Konsiderazzjoni ohra li ghandha tirregola l-materja hija dik li l-kuntratt ta’ garanzija ghandu jinghata interpretazzjoni ristretta, imqar jekk dan ma jipprekludix lill-Qorti li, fejn hemm bzonn, tinterpreta hi dak li jkun gie miftiehem bejn il-partijiet kontraenti imma li jkun ta lok ghal nuqqas ta’ qbil f’dik li hija interpretazzjoni.

13. Bhalma gie ritenut mill-ewwel Qorti, minn ezami ta’ l-iskrittura de quo johrog kjarament li l-klawsoli fl-iskrittura de quo gew redatti b’mod li dawn qeghdin jipprospettaw kif kellhom joperaw iz-zewg socjetajiet fil-futur, igifieri ex tunc. Hekk insibu klawsoli li jitkellmu fil-futur, igifieri b’termini bhala “will import” riferibbilment ghal dak li kellu jsehh u fejn il-modalita` kellha tkun hekk “will be on consignment basis….”. L-ewwel Qorti gharblet ukoll dawk il-modalitajiet l-ohra rigwardanti il-magazinagg tal-merkanzija li kellha tigi importata u kkonkludiet li l-garanzija solidali moghtija mill-konvenut proprio fic-cirkostanzi kienet oneruza hafna u tali li wiehed ma setax jahseb li l-partijiet riedu tassew jestenduha biex tkopri anke dawk il-krediti ezistenti qabel id-data li fiha giet maghmula l-iskrittura, kif invece qeghda tippretendi s-socjeta` attrici appellanti. L-iskrittura saret proprju biex ir-rapport kummercjali bejn iz-zewg socjetajiet ma jieqafx u ma kienet qatt intiza biex il-garanzija li nghatat taghmel tajjeb ghad-dejn precedenti. Din il-Qorti mhux biss taqbel ma’ dak li gie kkostatat u deciz mill-ewwel Qorti imma zzid tghid illi li kieku dak li qeghdha tissottometti s-socjeta` attrici kien tassew minnu, allura kien messu gie debitament inserit bhala preambola ghall-modalitajiet li gew miftehma bejn il-partijiet. Mhux talli dan ma huwiex il-kaz, imma d-dicitura adoperata fl-iskrittura hija tali li ma thalli ebda dubju li l-garanzija li nghatat kellha tapplika

ghar-rapporti futuri bejn il-partijiet u mhux ukoll ghal dawk precedenti. Dana l-aggravju ghalhekk qieghed jigi respint.

14. Fit-tieni lok, imbaghad, is-socjeta` attrici qeghda tinsisti li kien ghad baqa' dovut ammont ta' imghaxijiet li l-garanti kien dahal solidalment responsabbli ghalihom ukoll. Dan huwa aggravju li sabiex jigi deciz jinhtieg li jigu ezaminati mill-gdid il-provi ta' fatt li gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Tajjeb li hawn jigi osservat li anke taht dan l-aspett, l-ewwel Qorti wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, qalet hekk in propozitu,
"Dak li, pero` jkompli jassoda l-konvincement ta' din il-Qorti huwa li saret il-prova li l-fatturi kollha tal-merkanzija li giet mibjugha wara s-27 ta' April, 1992, gew kollha mhallsa. Effettivament, il-konvenut esebixxa prospett (Dok A, a fol. 183) biex juri l-pagament u l-konsenji li saru wara din id-data u biex b'hekk isostni l-prova li ghadha kif issemmiet.

Jirrizulta li s-socjeta` attrici ma kkontestatx dan il-prospett; anzi, fl-udjenza tas-26 ta' April, 1999, dehru z-zewg difensuri u t-tnejn li huma rrimettew ruhhom ghall-provi u ghan-noti ta' l-osservazzjonijiet taghhom."

(Sottolinear tal-Qorti).

Apparti li kull kumment iehor minn din il-Qorti ikun superfluwu, jidher evidenti wkoll li s-socjeta` appellanti sejset l-argument taghha dwar dan l-aggravju fuq l-aspett tal-unicita` tad-dejn – argument li kif intqal diga` gie rigettat fil-konfront tal-konvenut appellat. Meta s-socjeta` attrici intebhet – ara affidavit ta' Anthony Camilleri in data tas-7 ta' Jannar, 1997, a fol. 119 – 122 tal-process – li l-Universal Plastics Limited bdiet thallas il-kontijiet ta' wara s-27 ta' April, 1992, hija kien messha jew iccarat mill-ewwel l-ghala beda jsir hekk jew inkella messha ma accettatx il-pagament maghmul taht din il-kondizzjoni. Kieku ghamlet dan, is-socjeta` attrici kienet taccerta ruhha mill-ewwel mill-posizzjoni mehuda mill-garanti li l-garanzija moghtija mill-konvenut proprio ma kienitx tkopri u taghmel tajjeb ukoll ghad-djun ta' qabel id-data li fiha giet iffirmata.

Incidentalment, mill-affidavit ta' Anthony Camilleri, rapprezentant tas-socjeta` attrici, ikompli johrog aktar bic-car kemm is-socjeta` attrici kienet dubbjuza u incerta dwar il-garanzija solidali moghtija mill-appellat konvenut. Di fatti fih insibu inter alia dan li gej, (ara fol. 119),
"Waqt li dan il-ftehim assigura l-pagamenti tal-fatturi u ta' l-interessi fuq ix-xiri futur, hassejna li indirettament l-hlas ghall-materjal li kien sar qabel dan il-ftehim kien assigurat ukoll peress li hsibna li l-Universal Plastics kien se jkompli l-hlasijiet bhal qabel i.e. jithallas l-eqdem fattura l-ewwel ...." (Sottolinear tal-Qorti)

Skrittura privata ssir biex bl-iswed fuq l-abjad timmanifesta l-intenzjoni espressa tal-partijiet li jersqu biex jiffirmawha. Mhix kwistjoni aktar mela ta' "x'hass indirettament" xi hadd jew ta' dak illi "haseb". It-tieni parti ta' l-aggravju ghalhekk qed jigi respint ukoll.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` attrici bl-ispejjez ta' din l-istanza kontriha, u b'dawk relativi ghall-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------